MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-13 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 9/2006

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Joseph Attard**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni fejn fiha s-socjeta` attrici ippremettiet illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 3 ta` Marzu, 2000 (Dok *"A"*), in atti Nutar Dottor John Patrick Hayman, is-socjeta` attrici ikkoncediet facilita` bankarja lil konvenut Joseph Attard.

Is-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Joseph Attard fis-somma ta` tlieta u erbghin elf u tlieta u tmenin Liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm43,083.55)

bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Accounts"* ta` Joseph Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. *"B"*, *"C"*, u *"D"*) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mit-28 ta` Dicembru, 2005 sad-data ta` l-effettiv pagament;

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument *"A"*) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Joseph Attard (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kien inadempjenti f`obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopra indikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess konvenut Joseph Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici u b`hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f`daqqa.

Il-konvenut gie interpellat permezz ta` ittra ufficjali datata 28 ta` Settembru, 2005 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok *"E"*, sabiex ihallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa` inadempjenti.

Talbu lil konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument *"A"*) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph Attard (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f`obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopra indikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess konvenut Joseph Attard li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

(2) Tikkundanna lil Joseph Attard ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` tlieta u erbghin elf u tlieta u tmenin Liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm43,083.55) bilanc

ghad-debitu fil-*"Loan Accounts"* ta` Joseph Attard mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. *"B", "C",* u *"D"*) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mit-28 ta` Dicembru, 2005 sad-data ta` l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 28 ta` Settembru, 2005 u tal-Mandati ta` Sekwestru u ta` Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat illi ghalkemm debitament notifikat l-intimat baqa` ma pprezentax risposta u hekk baqa` kontumaci.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotti fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------